MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Numru 932/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**KONTRA**

**PC 1459 MARK ANTHONY BUTTIGIEG**
**PC 155 SANDRO MAMO**
**PC 99 MARIO PORTELLI;**

**KUMPILAZZJONI NRU 932/2002**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra PC 1459 Mark Anthony Buttigieg ta’ 36 sena, bin Joseph u Carmen nee’ Vella, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-18 ta’ April, 1972, residenti fil-fond Block B, Flat 3, Housing Estate, Rinella, Kalkara, jew Flat 4, Wied Hesri, Entrance N, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 201172M;

PC 145 Sandro Mamo ta’ 28 sena, imwieled Tal-Pieta’, nhar it-8 ta’ Frar, 1980, bin Anthony u Frida nee’ Vassallo, residenti fil-fond imsejjah ‘Our Dream’, Triq 23 ta’ Lulju, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 93580M;
U PC 99 Mario Portelli ta’ 29 sena, imwieled Attard nhar l-4 ta’ Novembru, 1978, bin Saviour u Maria Lourdes nee’ Cassar, residenti fil-fond imsejjah ‘Tabor’, 40, Triq it-Tempesta, Qrendi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 523878M.

Akkuzati talli nhar it-8 ta’ Awwissu, 2002, ghal bejn it-3 ta’ fil-ghodu u l-4 ta’ fil-ghodu gewwa Triq Santu Wistin, Paceville, u gewwa l-istabbiliment taht l-isem ‘Fuego’, li jinsab fl-istess triq:

1. Attakkaw jew ghamlu vjolenza b’rezistenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu jezegwixxu l-ezekuzzjoni tal-Ligi u cioe’ fuq il-persuni ta’ PC 908 G Grixti, PC 1563 M Micallef, PC 922 V Medati, PC 112 O Vella, ai termini ta’ l-Artikolu 96 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin, u cirkostanzi hebbew sabiex jingurjaw jew jheddu sabiex jaghmlu offiza fuq persuni inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u cioe’ fuq l-istess membri tal-pulizija imsemmijin fl-ewwel (1) akkuza, ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin, u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Simon Bonello minn Marsascala, ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirksostanzi, hebbew kontra l-persuni ta’ David Gaffarena, Simon Bonello, Mario Barbara, Pierre Pace, Mark Grima, PC 1563, PC 922, PC 908, u PC 112 sabiex jaghmlulhom hsara u dan ai termini tal-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi imbuttaw lill-istess persuni imsemija fl-akkuzi ta' fuq sabiex iwegghuhom jew jinsulentawhom ai termini tal-Artikolu 339(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ghamlu lil haddiehor ingurji jew theddid, u cioe' lill-istess persuni imsemmijin fuq, ai termini tal-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess lok, data, hin, u cirkostanzi, fit-toroq imsemmija, iggieldu jew irraggaw ma' haddiehor b'mod li jista' jdejjaq jew jaghmel hsara lil terzi – persuni li kienu fil-vicin ai termini tal-Artikolu 338(r) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, waqt li kienu xurbana, qalu fil-pubbliku kliem oxxen fil-pubbliku, ghamlu atti oxxeni li joffendu l-morali, l-imgieba xierqa, jew id-dicenza pubblika, ai termini tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli fl-istess lok, data, hin, u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' persuni ordnati minn servizz pubbliku jew ma hallewx jew fixklu lill-kuntistabblijiet imsemmija fuq waqt li kienu qeghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod indahlu f'xogholhom, ai termini tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, bhala ufficjali pubblici, u cioe' membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, fil-waqt li kellhom jissorveljaw biex ma jsirux jew minhabba l-kariga taghhom, kellhom id-dmir li jimpedixxu milli jsiru reati, m'ghamlux dan skond kif titlob il-Ligi ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija rizultat ta' disgwid, glied anki fiziku, u ghajjat li nholoq bejn l-akkuzati u l-*bouncers* ta' Fuego, Paceville, u pulizija ohra tal-*Mobile Squad* – dan dejjem x'qieghed jigi allegat.

Gie ppruvat illi t-tliet akkuzati huma ukoll membri tal-Korp tal-Pulizija – ex-admissis fl-istqarrija rispettiva taghhom, u mid-dokumenti ezebiti – folio 88 sa 46.

A priori din il-Qorti tbida biex tghid illi mix-xhieda prodotta jirrizulta li xi uhud minnhom kienu formi pjancenti verso l-akkuzati fix-xhieda taghhom.

Ghalhekk, PS 78 Joseph Cremona xehed li fuq rapport ta' argument gewwa l-imsemmi Fuego, nizel hemm flimkien mas-Surgent Giusti. Hemm sabu lill-akkuzati, fuori servizz, li allegaw li kienu gew imsawta b'lembuba tal-hadid. Indikaw bhala attur ta' dan lil certu *bouncer* Pierre Pace, pero wara tfittxija fuq il-persuna ta' dan instabet biss *torch* zghira sewda.

PS 500 John Giusti ukoll akkumpanja lil Cremona fuq il-lok ta' l-incident. Hemm sab lil Mark Buttigieg (ko-akkuzat) li qallu li kien sofra xi daqqiet minghand Pierre Pace b'lembuba. Jghid li ghalih Mark Buttigieg kien jidher mugugh u li kien jidher li qala' xebgha.

Simon Bonello xehed li hu jahdem *security* mal-Fuego. Irrakkonta li hu ghen johrog tlieta minn nies barra mill-Fuego (l-akkuzati), jghid li bdew jimbuttaw naqra biss (fol 62). Dan l-imbuttar sar 'bejniethom, biex jaraw ghalxiex u hekk. Imbaghad dhalt fin-nofs jiena peress li nzertajt li tnejn minnhon nafhom.' Izid jghid dan ix-xhud li hu beda jzomm ftit lil Mario u li dan Mario sahansitra anki pprova jxejjirlu daqqa ta' ponn. Jghid dan ix-xhud li x'hin beda jitkellem mat-tnejn l-ohra biex jippruvaw jifhmu x'gara, kien hawn li Mario xejjirlu daqqa ta' ponn. Xehed ukoll li bejn l-akkuzati u l-pulizija tal-*Mobile* kien hemm 'naqra vuci gholja.' (folio 65). Jikkonferma dan Bonello li f'idu

kellu ghafsiet kagunati, x'hin bdew izommu lil xulxin biex jikkalmaw is-sitwazzjoni.
Mario Barbara huwa wkoll *security officer* mal-Fuego. Dan spjega li sar jaf li kienet ser titnehha persuna mill-Fuego ghax kien intefa' xi flixkun. Jghid li hu waqt li kien barra wiehed minnhom ried ikun jaf x'gara. Jghid li gara kien li peress li kienu kollha qed jippruvaw johorgu minn bieb dejjaq '…….inbezzaq kulhadd 'il barra, jew (recta sew) minn naha tas-*securities*, kulhadd imbotta 'l barra u gie fuq bicca bankina zghira u hemmhekk beda kulhadd jimbotta lil xuxlin.' (folio 70).

David Gaffarena huwa wkoll *security* mal-Fuego, jghid li xi hadd qal li xi hadd waddab xi flixkun, huwa hareg lil wiehed minnhom barra, pero ma jafx lil min. Iddeskriva illi kien hemm ghajjat pero mhux glied.

Mark Grima – sid il-Fuego, jghid li hu ra lis-*securities* johorgu xi nies mill-*club,* ra *scuffle*. Meta resaq vicin beda jisma' lil wiehed jhedded b'xi ismijiet ta' nies, pero ma kienx f'posizzjoni li jindividwa lil min.

Gew prezentati wkoll diversi certifikati medici a folio 35, wiehed fir-rigward ta' Buttigiet Mark Anthony li jaqra 'slight save complications', a folio 36 wiehed fir-rigward ta' Sandro Mamo li jaqra 'slight save complications', a folio 37 wiehed fil-konfront ta' Simon Bonello li jaqra 'injury minor save any complications', a folio 82 affidavit fil-konfront ta' Sandro Mamo li jitkellem fuq griehi hfief, a folio 89 affidavit fil-konfront ta' Simon Bonello li jitkellem dwar griehi ta' natura hafifa.

PC 905 George Giusti xehed li mela huwa membru ta' l-Iskwadra tal-*Mobile* waslu hdejn il-Fuego sabu lill-kollega taghhon Sandro Mamo bil-qieghda fl-art. Qallhom li kien gie msawwat. Sandro uriehom min sawtu. Xehed ukoll illi nqalghet xi glieda bejn il-ko-akkuzati u huma tal-*Mobile*. Jghid li 'Mario minn faccata beda jghajjat lil siehbu ma ssawtuh, qasam u ta daqqa lil Valmhor (fol 99). Dan Valhmor ukoll huwa pulizija mal-*Mobile*.

Ghalhekk PC 922 Valmor Medati minn naha l-ohra xehed li x’hin kienu (huma l-pulizija) qieghdin jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni, PC 145 Sandro Mamo, laqtu fil-konfuzjoni. Zied li ‘Jista’ jkun li xi hadd imbuttah fuqi.’ (fol 104). PC 922 Valmor Medati, ukoll pulizija addett mal-Mobile Squad Unit, nizel fuq l-incident tal-Fuego u ra xi wiehed minn taghhom, *off duty*, mil-hajt, u xi nies li kienu qeghdin jippruvaw jikkalmawh. Dan kien PC 145 Sandro. Jghid li f’xi hin fil-konfuzjoni laqtu Mark ghaliex xi hadd imbuttah ghal fuqu. Laqtu f’wiccu. Sema’ lil PC 1459 jargumenta ma’ pulizija iehor.

PC 112 Oliver Vella ukoll nizel jassisti fuq dan l-incident. Jghid li hemm nqala’ ftit *panic*, u konfuzjoni x’hin bdew jippruvaw jiddeteriminaw x’gara. Jaf li kien hemm argument bejn Martin u PC 1459, pero ma jafx fuq xiex.

PC 156 Martin Micallef xehed fuq dan. Qal li ra lil Sandro daqsxejn ippanikjat, qallhom li kien qala’ xeba’ minghand il-*bouncers* tal-Fuego. Jghid li f’dak il-hin PC 99 Mario Portelli, wissiehom li ma kellhomx imissu lil Sandro, u f’daqqa wahda xejjer idu u laqghat lil PC 92 (recte PC 922). Jghid li PC 1459 Mark kien naqra aggressiv u ried jidhol il-Fuego. Jghid li hu lil Mark, ghax donnu ried ihebb ghalih jew dan kien frott ta’ nuqqas ta’ ftehim.’, qallu ‘Xbajt twaqqa’ l-Korp ghan-nejk!’ (fol 131).

L-akkuzat ukoll ghazel li jixhed *viva voce* barra li rrilaxxaw stqarrija lill-Ufficjal Investigattiv. Ghalhekk Mark Anthony Buttigieg xehed li waqt li kien mal-ko-akkuzati shabu, huma gew mitfugha ‘l barra mill-Fuego bla ebda raguni. Jghid li hawn inqala’ incident bejn PC 145 Sandro u certu Pierre, wiehed mill-*bouncers* li beda jfajjar fuq Sandro b’*telescopic truncheon.* Qal Buttigieg li kif hu mar jghin lil siehbu u dan Pierre spicca jfajjar lilu wkoll. Jghid li waslu tal-*Mobile Squad*, allura kollegi taghhom. Il-ko-akkuzati talbuhom jaghmlu search fuq Pierre il-*bouncer* minhabba t-*telescopic truncheon*. Dawn , tal-*Mobile* ma ridux, hawn ix-xhud wahhal fil-pulizija ‘Martin’, li xehed kontra taghhom (fol 142). Zied dan ix-xhud li dan PC 1563 Martin ghamel hekk ghaliex anki huwa kien jahdem bhala *bouncer* gewwa Paceville. Ezebixxa fil-fatt tliet ritratti li juru li dan

Pierre fir-rwol ta’ *bouncer* (fol 152, DOK MB). Jghid li meta gew il-pulizija tad-distrett kien insista biex issir is-*search* qabel ma l-affarijiet lahqu nhbew. Jghid dan Buttigieg li kien hawn li hu ried jidhol gewwa l-*club*. Zied Buttigieg li PC 1563 Martin anki u sahansitra ried jiggieled mieghu. Buttigieg ikkonferma wkoll l-istqarrija minn rilaxxata. Hawn fi stadju ta’ investigazzjoni meta allura kien ghadu ma xehedx PC 1563 Martin, Buttigieg kien wahhal fil-membri tal-*Mobile Squad* li accedew fuq il-post dwar in-nuqqas li ssir *search* fuq il-*bouncers*.

Mario Portelli ukoll tkellem fuq il-fatt li gew imkeccija. Jghid li meta kien barra ra *bouncer* – Pierre, li hareg minn gol-but hadida, li faqaghha u saret twila, biha beda jaghti lil Sandro Mamo fuq idejh. Jghid li pprova iwaqqfu billi beda jghidlu li kien jafu u jzid jistaqsieh ghalfejn qed jaghmel hekk. Zied li dan Pierre lil Sandro beda jaghtieh u Sandro beda jilqa’ b’idejh. Jiftakar ukoll li certu pulizija Martin ried jiggieled ma’ Mark. Spjega li PC 1563 beda jghajjat u sar aggressiv hafna, tant li ried ihebb ghal Mark Anthony Buttigieg. Jghid ukoll li minhabba f’hekk hu u siehbu tal-Korp iehor, dahhlu lil dan Martin fil-karozza tas-servizz u haduh ‘l hemm. Ikkonferma wkoll il-kontenut ta’ l-istatement minnu rilaxxat. Anki f’dan l-istadju bhal ma qal *viva voce* xehed illi huwa f’din il-konfuzjoni pprova jzomm lill-*bouncers* milli jwegghu lil siehbu. Anki hu qala’ daqqa go genbu, pero ma jafx minghand min. Innega dak li xehed PC 922 Valhmor Medati, meta dan allega li kien xejjirlu daqqa ta’ ponn.

Sandro Mamo viva voce xehed dwar l-incident li Buttigieg u Portelli nfurmawh illi kienu tkeccew mill-Fuego. Xehed li wiehed mis-*securities* gibed lil Mark it-tarag kollu bis-sahha u hawn inqabad argument bil-paroli. Xehed dwar gia imsemmi Pierre li hareg qisu hadida u tah daqqiet biha. Iddeskriva li din kienet *telescopic truncheon.* Ipprezenta anki r-ritratti dwar it-tbengil li sofra minhabba dawn id-daqqiet (folio 102). Jghid li bid-daqqiet anki tefghu mal-art. Xehed ukoll dwar it-talba li ghamlu lil sbabhom pulizija li jaghmlu *search* u r-reazzjoni ta’ wiehed mill-pulizija li beda jghidilhom biex jitilqu ‘l hemm u li kienu qed idahhqu in-nies bihom.

Ikkunsidrat:

Illi n succint mix-xhieda riprodotta senjalament jirrizulta illi:

a. Simon Bonello xehed li Mario pprova jxejjirlu daqqa ta’ ponn, jghid aktar tard li xejjirlu daqqa ta’ ponn;

b. Li bejn l-akkuzat u l-pulizija kien hemm naqra vuci gholja;

c. Kellu xi ghafsiet f’idejh, dan x’hin bdew izommu lil xulxin biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni.

Mario Barbara xehed li kulhadd inbezaq barra u ghalhekk kien hemm l-imbuttar.

Gaffarena qal li kien hemm ghajjat barra, mhux glied.

PC 908 Grech xehed:

a. Li sab lil Sandro imbengel, qallhom li kien imwegga’. Qal ukoll illi Mario min faccata qasam u ta daqqa lil certu Valhmor li wkoll huwa pulizija tal-*Mobile* hemm prezenti;

b. Li gie milqut minn PC 145 Sandro u dan fil-konfuzjoni jghid li jista’ jkun li gie mbuttat fuqu.

PC 112 Oliver Vella senjalament xehed dwar axrgument li sema’ bejn Martin (pulizija tal-*Mobile* u PC 1459 (wiehed mill-ko-akkuzati).

PC 156 Martin Micallef xehed:

a. Li Sandro kien qallu li qala’ xebgha;

b. Li Sandro xejjer idu u laqghat lil PC 92;

c. Li PC 1459 Mark Anthony Buttigieg donnu ried ihebb ghalih.

Senjalament PC 922 Valhmor Medati xehed li ra pulizija *off duty* mal-hajt, u li PC 1459 laqtu, dan ghaliex xi hadd imbuttah.

Ghalhekk din il-Qorti tinsab sodisfatta illi jirrizulta li fid-data tal-akkuza kien hemm disgwid gewwa l-Fuego Club, San Giljan, fejn kienu inizzjalment involuti l-akkuzati, u *bouncers* li jahdmu go l-imsemmi club. Jirrizulta li kien hemm xi ammont ta’ imbuttar biex il-bouncers hargu lill-akkuzati. Jirrizulta mix-xhieda li l-akkuzati kollha kienu nvoluti f’dan l-incident, u anki nvoluti b’certu ammont ta’ ghajjat barra l-Fuego Club, in-naha ta’ Bay Street. Din il-Qorti hija wkoll konvinta li PC 145 Sandro Mamo sofra xi griehi minn idejn Pierre Pace. Daqstant hija konvinta din il-Qorti li dan l-incident fejn kienu involuti Mamo u Pace skatta aktar disgwid bejn il-bouncers u l-pulizija *off duty*.

Issa l-pulizija akkuzati konvinti mill-uzu tat-*telescopic truncheon*, uzat almenu fuq Sandro, riedu lil-pulizija tal-Mobile Squad li nizlu fuq il-fond jaghmlu *search*, dan ma sarx minnhom. Dan il-fatt qala’ aktar antagonizmu bejn il-pulizija *off duty* u l-pulizija tal-*Mobile Squad* li nizlu fuq il-post. Dan l-antagonizmu wassal ukoll lil Sandro, laqghat jew xejjer daqqa lil Medati, u li Buttigieg kellu xi jghid verbalment ma PC 156 Martin Micallef.

Ghandu jinghad ukoll li bla tlaqliq ta’ xejn din il-Qorti hija piu di konvinta li kull min xehed f’din il-kawza bengel ix-xhieda tieghu biex isir inqas danni lill-akkuzati. Pero anki min din ix-xhieda hekk imbengla jirrizulta illi l-akkuzati, frankament misshom fil-kariga taghhom kienu jafu ahjar, ma gabux ruhhom b’mod xieraq. Dan ma jfissirx li l-*bouncers* ma nstigawx dan l-incident bl-atteggjament taghhom, pero certament jirrizulta car li almenu it-tliet akkuzati iggieldu fit-triq kemm mal-*bouncers* kif ukoll ma’ pulizija shabhom *on duty,* sahansitra ghalhekk fixklu l-istess pulizija fil-qadi ta’ dmirijiethom.

Ghalhekk, fil-waqt li qieghda tilliberahom mill-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba’ (4), u l-hames (5) akkuzi hekk kif dedotti in kwantu kif gia qalet il-Qorti x-xhieda mbengla

twassal biss ghal possibilta' ta' daqqiet, imbuttar, u milqut b'kumbinazzjoni.

Pero ssibhom hatja tas-sitt (6), is-seba' (7), it-tminn (8), l-ghaxar (10), u l-hdax(11) akkuzi, u dan wara li rat l-Artikoli 339(e), 338(r), 338(dd), 338(ee), u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li per parentesi fl-akkuza huwa erronjament indikat bhala l-Artikolu 149 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Qieghda tilliberahom ukoll mill-akkuza numru disgha (9) in kwantu ma tirrizultax.

Dwar il-piena rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9, kif ukoll l-Artikolu 31 tal-istess Kapitolu, u dan tenut kont ukoll illi dan l-incident ma kienx wiehed li kellu b'xi mod jaqsam max-xoghol taghhom dak iz-zmien ta' ufficjali tal-pulizija, u qieghda tikkundannahom kull wiehed ghal multa ta' €465.87(erba' mija u hamsa u sittin Ewro, u sebgha u tmenin Ewro centezmi), ekwivalenti Lm200.00 (mitejn lira maltin).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------